SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 58/K8/19

Data tal-laqgħa: 15 ta' April 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Vici Sindku
Martin Sultana - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Edgar Montanaro – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (2)**

Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy
Il-Kunsillier Clayton Luke Mula

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Perit Anthony Bezzina

Preżenza tal-pubbliku – (6)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

58.1.01 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci u l-Kunsillier Clayton Luke Mula talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

58.1.02 Saret sospenzjoni tal-Aġenda biex tiġi diskussa talba ta' numru ta' residenti biex niddiskutu l-proġett ta' l-ATM fi Triq Lapsi. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li nitolbu lill-Perit tal-Kunsill biex din tersaq metru 'l bogħod minn fejn kienet ippjanata.

58.1.03 L-Aġenda baqgħet sospiża sabiex setgħet tiġi diskussa item 58.5.

**58.5. Proġett Spinola**

58.5.01 Għal din il-parti tal-laqgħa kien preżenti l-Perit tal-Kunsill Anthony Bezzina, fejn ta spjegazzjoni tal-proġett ta' l-Infrastructure Malta għal Pjazza Spinola, fejn fiha ta dettal dwar l-immaniġġjar tat-traffiku kif suppost. Il-Kunsilliera preżenti saqsew diversi domandi u saret diskussjoni fit-tul. Fl-aħħar tad-diskussjoni kien hemm qbil li l-Perit iħejji rapport tekniku biex imbagħad jiġi sottomess lill-Infrastructure Malta dwar il-proġett tagħhom. Il-Kunsilliera kellhom ukoll jissottomettu wkoll il-proposti tagħhom biex ikun jista' jitħejja dan ir-rapport.

58.5.02 Wara diskussjoni kien hemm qbil li nitolbu laqgħa urġenti maċ-Ċermen ta' l-Infrastructure Malta. F'dan l-istadju, l-Perit irtira mill-laqgħa.

**58.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

58.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 57/K8/19 għall-approvazzjoni.

58.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana ġibed l-attenzjoni li waqt l-aħħar seduta tal-Kunsill, huwa kien ippropona li għandu jibda l-proċess biex tiġi nstallata ATM fi Triq Qalb Imqaddsa.

58.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 57/K8/19.

58.2.04 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 57/K8/19.

58.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

58.2.06 Saret riferenza għall-57.2.05, fejn iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li x-xogħolijiet tal-bankina fi Triq Birkirkara kienu tlestew iżda l-Perit ma kienx kuntent u kellu jerġa jitla' jikkonferma l-affarijiet.

58.2.07 Saret riferenza għall-57.2.06 dwar Triq Dun Ġużepp Xerri, wara li ġie nnutat li x-xogħlijiet ma tkomplewx min-naħa ta' Infrastructure Malta kien hemm qbil li tintbagħat ittra sabiex ix-xogħlijiet jitkomplew.

58.2.08 Saret riferenza għall-57.3.01, it-taraġ ta' Triq il-Klarissi tlesta' u l-kuntrattur ingħata struzzjonijiet biex iwaħħal il-poġġaman.

58.2.09 Saret riferenza għall-57.3.02, filwaqt li l-attivita' għaż-żgħażagħ ġiet imħasra, saret attivita' fejn il-Kunsill tas-Swieqi għamel ftehim mal-parteċipanti tal-konferenza.

58.2.10 Saret riferenza għall-57.3.05, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kellna ma' l-Infrastructure Malta, kien hemm qbil li dawn jgħaddu fondi lill-Kunsill biex ikun jista' jagħti t-tarmak ta' dawn it-toroq, li kienu ġew maqtugħa mill-applikazzjoni għal-fondi tad-*Development Fund*. Dawn it-toroq kienu: Triq Lapsi l-parti ta' fuq u l-parti t'isfel, Triq il-Qaliet, Triq Ross, Triq William Hardman, Triq Diodorus Siculus, Trejqet il-Bajja, Telghet Birkirkara u Triq Bonavita. Għalhekk il-Kunsill kien f'pozzizjoni li jiffirma l-kuntratti u ngħata l-ewwel pagamenti.

58.2.11 Saret riferenza għall-57.4.02, il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab li jingħata kopja ta' l-oġġezzjoni li saret għall-iżvillupp li ngħata għal Triq Sant' Elija.

**58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

58.3.01 Ma kienx hemm kommunikazzjoni mis-Sindku;

**58.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

58.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana ppreżenta lista lis-Segretarju, dwar xi xogħlijiet ta' manutenzjoni li jridu jsiru.

**58.6 Ġieħ San Ġiljan**

58.6.01 Saret diskussjoni u ġew proponuti dawn il-nies:

1. L-Onor. Leo Brincat;
2. L-Onor. Dr. Francis Zammit Dimech;
3. L-Eċċelenza Tiegħu Joseph Cuschieri;
4. L-Eċċelenza Tiegħu Dr. Ċensu Tabone (in absensia);
5. Is-Sur Ġuże Tanti (in absensia);
6. Is-Sur Alfred Gauci (in absensia);
7. Is-Sur Massimo Cremona;
8. Is-Sur Pio Dalli;
9. Is-Sur Ronnie Galea;
10. Dr. Constance Caruana.

58.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament fuq dawn il-proposti.

**58.7 Talbiet zghar.**

**58.7.01 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali (Inc. 1167/19)**

58.7.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

**58.7.02 Email mingħand is-Sinjura Sarah Spiteri mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ dwar Vote16+ Campaign (Inc. 1453/19)**

58.7.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Sarah Spiteri mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ dwar Vote16+ Campaign. Il-Kunsill qabel li jikkopera f'din il-kampanja.

**58.7.03 Email mingħand il-Malta Tourism Authority dwar Illkoll Merħba (Inc. 1611/19)**

58.7.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Malta Tourism Authority dwar Illkoll Merħba. Il-Kunsill qabel li jikkopera f'din il-kampanja.

**58.7.04 Email mingħand l-ERA dwar IF 0258/19 – N-Pkanting of Pittosporum tobira in St. Julian's (Inc. 1617/19)**

58.7.04.01 Din l-email ġiet notata dwar il-hedges li twaħħlu fil-promenade.

**58.7.05 Email mingħand is-Sur Ray Abela dwar Launch of Community Artificial Intelligence project between TCTC – University of Malta (Inc. 1566/19)**

58.7.05.01 Saret riferenza għall-korsijiet dwar robotica fis-sajf għat-tfal. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

**58.7.06** **Email mingħand is-Sur Stephen Bezzina dwar Reserved parking għal-lukanda Le Meridien. (Inc. 1508/19);**

58.7.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Stephen Bezzina dwar Reserved Parking għal-lukanda Le Merdien. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ser jibqa' jsosstni id-deċiżjoni li ħa u ma jagħtix il-kunsens tiegħu dwar Reserved Parking fi Triq Ċensu Tabone.

**58.7.07** **Email mingħand is-Sinjura Erika Quinn dwar St. Julian's Primary School – Car Boot Sale Event (Inc. 1780/19);**

58.7.07.01 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sinjura Erika Quinn li tagħmel parti mill-kunsill skolastiku tal-kulleġġ Santa Clara, sabiex ngħinuhom fit-tindif u twaħħil ta' siġar f'parti mill-istess kulleġġ. Kien hemm qbil li l-Kunsill joffri l-għajnuna tiegħu bil-kundizzjoni li ssir diskussjoni bejn il-Kunsill skolastiku u l-amministrazzjoni ta' l-iskola.

**58.7.08** **Email mingħand SPI.6.2019 – Espressjoni ta' nteress għall-programm Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar.**

**58.7.08.01** Saret riferenza għall-email dwar espressjoni ta' nteress għall-programm Għaqal id-Dar – Ħajja Aħjar, filwaqt li l-Kunsill qabel li nerġgħu nagħmlu kors ieħor kellna nivverifikaw mal-Millenium Chapel dwar jekk għandhomx swali żgħar disponibbli biex anke norganizzaw korsijiet oħrajn.

**58.7.09** **Email mingħand l-Għaqda Dillettanti Knisja ta' Lapsi dwar talba biex intellaw flimkien kunċert għall-fondi għar-restawr tal-pittura tal-Knisja.**

58.7.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Għaqda Dillettanti Knisja ta' Lapsi dwar talba biex intellgħu flimkien kunċert għal-fondi għar-restawr tal-pittura tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li jorganizza dan il-kunċert u l-kontribuzzjoni tiegħu għandha tkun ta' €500.

## 58.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

58.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A')

58.08.02 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

58.08.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

57.08.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**58.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

58.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4634 sa 4667. (Ara Appendiċi 'B')

58.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**58.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

58.10.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' April 2019 fl-4.30p.m.

58.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 25 ta' April 2019